Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,945, 26 ta' Jannar, 1982
Taqsima B

A.L. 6 ta' l-1982

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITA' TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1982 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1982 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-26 ta' Jannar, 1982.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi li ġejja, jiġifieri:

(a) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Fleur-de-Lys, limiti ta' Ħal Qormi:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 33, 34, 49 u 50 tal-kejl ta' madwar 1082 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 67 sa 70 u 72 sa 74 tal-kejl ta' madwar 1721 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

(b) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Marsaxlokk li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 105 sa 110 tal-kejl ta' madwar 1918 metru kwadru li tmiss mix-Xlokk, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

(ċ) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Ħal Tarxien li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 27 sa 37 tal-kejl ta' madwar 3566 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika u minn Nofs in-Nhar, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

(d) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Ta' Giorni limiti ta' San Ġiljan li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 24 sa 43 tal-kejl ta' madwar 8850 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

(e) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Bulebel iż-Żgħir, limiti ta' Ħaż-Żabbar:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 87 sa 103 u 110 sa 119 tal-kejl ta' madwar 7443 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 82 sa 86 tal-kejl ta' madwar 959 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral, mix-Xlokk, mill-Grigal u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern.

(f) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tas-Sannat, Għawdex, li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 1 sa 44 tal-kejl ta' madwar 11863 metru kwadru li tmiss minn Nofs in-Nhar u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' sqaq pubbliku.

(g) Id-dar numru 7, Row E 3, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Ta' Paris, Birkirkara.

(ħ) Flat numru 11, Blokk B, Bieb 2, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ħal Lija.

(i) Id-djar li ġejjin fil-Mosta:

(i) Flat numru 8, Blokk G 2, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, il-Mosta;

(ii) Id-djar numru 49 u 52, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Ta' Mlit, il-Mosta;

(j) Id-dar numru 22, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, in-Naxxar.

(k) Id-dar numru 67, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, iż-Żejtun.

(l) Id-djar numru 1, 10, 27, 33 u 44, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, il-Qrendi.

(m) Id-dar numru 4, Blokk V, Triq Għeriexem, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, ir-Rabat, Malta.

(n) Id-dar numru 3, Triq Palma, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, San Ġwann.

(o) Id-djar li ġejjin f'Santa Lucia:

(i) *Flat* numru 1, Blokk Numru 3, Garden Drive, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Santa Lucia;

(ii) *Flat* Numru 4, Blokk Q, Triq Hawthorn, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Santa Lucia;

(iii) Id-dar numru 135, Triq Helen Buhagiar, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Santa Lucia.

(p) Id-dar numru 4, Area 9, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Ta' Giorni, limiti ta' San Ġiljan.

(q) Id-djar numru 20, 62 u 65, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, f'Ta' Xbiex.

(r) Id-djar li ġejjin fil-Belt Valletta:

(i) Id-dar numru 18, Triq Mikiel Anton Vassalli li minn ġewwa tista' tidħol għaliha wkoll minn daħla komuni f'numru 52, Triq Nofs in-Nhar, il-Belt Valletta;

(ii) Id-dar numru 86, Triq Merkanti, il-Belt Valletta.

(s) Id-dar numru 2, Triq Sannat, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, ir-Rabat, Għawdex.